MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Numru 459/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Versus**

**Adrian Muscat u**
**Alan Muscat**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Adrian Muscat ta’ 25 sena bin Mario u Mary Grace nee’ Borg, imwieled il-Pieta’ nhar id-19 ta’ Frar 1983 u li joqgħod 134 Triq Santa Katerina Qormi detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 129983 (M)

U

Alan Muscat ta’ 21 sena bin Mario u Mary Grace nee’ Borg, imwieled tal-Pieta’ fit-30 ta’ Lulju 1986 u li joqgħod 134 Triq Santa Katerina Qormi detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 345586 (M)

Akkużat talli

a) fil-15 ta’ Mejju 2008 għall-ħabta tad-9am fi Triq il-Vitorja Qormi sabiex jiksbu xi vantaġġi jew benefiċċji għalihom infushom jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xejentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw tagħrif falz billi waħħlu sett ta’ pjanċi tar-eġistrazzjoni foloz bin-numru JOS 220 fuq vettura tal-għamla Mercedes ML 270 ta’ lewn griż (numru ta-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf)

b) fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi document falz billi waħħlu n-numru JOS 220 fuq vettura tal-għamla Mercedes ML 270 ta’ lewn griż (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf)

**Lil Alan Muscat waħdu**

(ċ) Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, saq vettura tal-għamla Mercedes LM 270 (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf) b’numri tar-reġistrazzjoni JOS 220 li jappartjenuj għal vettura oħra li ma kellhiex liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku u b’hekk ma kienx kopert b’polza tal-assigurazzjoni għar-riskji ta’ terzi persuni.

**Lil Adrian  Muscat u Alan Muscat**

(d) Talli rrendew ruħhom reċidivi aitemrini tal-aritkoli 49 u 50 tal-Kap 9 b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ntalbet biex apparti l-piena skond il-Liġi, tiskwalifika lill-imputat Alan Muscat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidhrilha xieraq.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid li jġibu n-numri 1299 tal-1983 u 3455 tas-sena 1986, il-fedina penali kemm ta' Adrian Muscat (fol 4) et kif ukoll ta' Alan Muscat (fol 7), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (fol 8) u tal-imputati (fol 13 u 14)sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, ir-ritratt li ttieħed minn EO 16 George Schembri li juri lil Alan Muscat jaqla' l-pjanċi (fol 24), is-sett ta' pjanċi li kienu ppreżentati ***animo ritirandi***, is-sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija versus Adrian Muscat (a fol 25 u 26) u 'Il-Pulizija versus Alan Muscat' (a fol 27), u l-current incident report (fol 40) u d-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża biex il-Prosekuzzjoni ma kellhiex għalfejn ittella' x-xhieda tal-identita' għar-rigward tas-sentenzi esibiti. (fol 46)..

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

5. Fil-15 ta' Mejju 2008 għall-ħabta tal-10.00 am, waqt li kienet qed issir spezzjoni fi Triq Santa Katerina, kient innutat vann Mercedes ML 270 Compressor ta' lewn griż li kellu l-pjanċi tar-reġsitrazzjoni JOS 220 fuqu. Dawn il-pjanċi ma kinux ta' dan il-vann iżda kienu ta' vettura oħra tal-għamla Mercedes mudell 220 ta' lewn abjad. Kien intalab tow truck biex jiġi fuq il-post u jieħu l-vann.

6. L-imputati kienu qalu lil EO 16 George Schembri kien qalulu li l-vettura kienet tagħhom u lill-EO u lis-surġent kienu qalulu li ser idaħħlu ML-270 l-vettura fil-garaxx. (fol 16). Sakemm is-suġent kien qed jirrispondi telefonata, l-imputati marru u qalgħu l-pjanċi minn fuq l-istess vettura. Bl-iskuża biex iġib xi affarijiet mill-vann Alan Muscat kien rikeb l-istess vettura u mar minn fuq il-post. Is-surġent ordnalu jieqaf iżda Alan Muscat telaq 'l hemm.

7. EO 16 George Schembri wara kkonferma dan kollu u ħa r-ritratti ta’ Alan Muscat qed jaqla’ l-pjanċi.

8. Imbagħad lill-aħwa sabuhom fix-showroom tagħhom . Adrian Muscat kien għadda l-pjanċi lis-surġent. L-imputat Adrian Muscat kien qal lis-surġent li dawk il-pjanċi kienu nsterqulu.

9.Meta l-Ispettur Prosekutur kellem lill-imputat Adrian Muscat, u dan baqa’ jinsisti li l-pjanċi kienu nsterqu minn għandu. Kienu saru tfittxijiet għall-vann iżda dan ma kienx instab. Ix-chassis number tal-vettura li sparixxiet ma kien ittieħed mill-ebda uffiċjal.

**L-Istqarrija ta’ Alan Muscat**

10. Dan l-imputat qqal li hu u ħuh kienu niżlu mill-karozza tagħhom meta raw xi numri mwaħħlin fuq vettura oħra liema numri kienu naqsu minn għandhom. Ħuh kien qallu biex jaqla’ n-numru ta’ wara waqt li ħuh Adiran qala’ dawk ta’ quddiem. Huwa mar bil-pjanċi fil-karozza ta’ ħuh u stenna lil ħuh fil-karozza.

11. Meta kien mistoqsi jekk kienx qal li kellu bżonn iġib xi ħaġa mill-vann u l-imputat qabad u telaq bih minkejja t-twissija tas-surġent, l-imputat wieġeb: ‘Ma nafx.’

12. Huwa nnega wkoll li kien amr jaħbi l-vann. (fol 21).

**L-Istqarrija ta’ Adrian Muscat**

13. Dan l-imputat stqarr li xi ħabib kien allertjah li kien hem mil-pulizija qrib il-vann. L-imputat kien wieġbu li hu m’għanux vannijiet Mercedes barra. War ra l-Pulizija fen il-vann li kellu number plates li kienu nsterqulu l-jum ta’ qabel. Lill-Pulizija qallu li kienu tiegħu għalkemm sa dak il-ħin ma ienx jaf li kienu misruqin. L-imputat ammetta li kien qala’ n-numri u kompla jgħid lill-Pulizija li l-jum ta’ qabel kein fittixhom u ma sabhomx. F’daqqa waħda xi ħadd telaq bil-vann. Lill-Pulizija kein tahom in-number plates meta l-Pulizija marru x-showroom.

14. Adrian Muscat kien qal li hu qala’ n-number plates ta’ quddiem u ħuh qala’ ta’ wara. Għalkemm il-Pulizija qallu biex ma jaqlax in-number plates Adrian Muscat baqa’ jinsisti li dawk kienu tiegħu u l-Pulizija setgħet tieħu l-vann.

15. Minn fuq il-post hu u ħuh kienu telqu flimkien.

**Xhieda Oħra tal-Prosekuzzjoni**

**16. Xehed PS 1113 Emanuel Aquilina** li qal li kienu sabu vettura JOS 220. Ir-road licence kienet tgħajjat Mercedes oħra ta’ kulur abjad waqt li l-vann kellu kulur silver metallic.

**Waslu l-imputati fuq il-post u dawn qalu li l-vettura kienet tagħhom.**

17. Qalulhom l-liċenzja ma kinitx taqbel. It-tnejn li huma ma ridux li l-vettura tkun ittowjata. Ix-xhud tlaab aktar assistenza għax ra li l-imputati kienu ġejjin bil-paroli. **Waqt din it-telefonata Alan Muscat daħal fil-karozza u f’ħin minnhom qabad isuq biex jaħrab minn fuq il-post. Ix-xhudipprova jżommu. Tah ordni biex jieqaf u beda jżomm il-bieba b’wiċċu mat-tieqa. Huwa seta jara lil Alan Muscat jaħrab minn fuq il-post bi pjanċi foloz, mingħajr liċenzja u insurance. (fol 29). Huwa kien juża liċenzja oħra li kienet skadiet f’Ottubru 2007.**

18. Huwa ra r-ritratt li kien esibit u xehed li dak kien ħadu l-kollega tal-ADT.

19. Fil-kontro-eżami dan ix-xhud nnega li f’xi ħin qalulu li n-number plates huma tagħhom. Huwa żied jgħid li kieku n-number plates kienu tagħhom ma kellhomx għalfejn jaqbdu u jneħħeuhom dak il-ħin. Lix-xhud Alan Muscat kien ser itajjru.

20. **Xehed ukoll EO 16 George Schembri** li kkonferma li kienu ndunaw li sabu vettura li l-pjanċi ma kinux tagħha. (fol 32). Kienet JOS 220 u kienu ta’ karozza Marcedes

bajda. Adrian Muscat kein qallu biex jieħu l-vettura l-garaxx. Saħansitra ix-xhud kien qal lil dan l-imputat biex iħalli ċ-ċavetta. Imbagħad ħuh Alan daħal fil-karozza, qabad startjha u telaq. (fol 33).

21. Dan ix-xhud ikkonferma li kien ħa r-ritratt esibit. Il-liċenzja ma kenitx fuq il-karozza, kienet bla road tax u ttieħed ir-ritratt sabiex ikun ikkonfermat jekk il-karozza kentix tajba jew ħażina. Waqt li kien qed jaqla' l-pjanċi, ix-xhud kien qal lill-imputat (Alan Muscat) biex iħallihom hemm.

22. Fil-kontro-eżami, ix-xhud baqa' jinsisti li kien Alan Muscat li saq il-karozza. (fol 34).

**23. *<u>Anzi żied jgħid li kien ċert li kien Alan Muscat li saq il-karozza (ara fol 35).</u>***

**24. Xehed ukoll PS 372 Jurgen Vella** li kien irċieva telefonata mill-control room dwar x'kien qed jiġri fil-post fejn kien PS 1133 flimkien ma' rappreżentant tal-ADT. Kien infurmat ukoll li s-surġent kien ipprova jwaqqaf il-persuni milli jaħarbu iżda dawn baqgħu sejrin. Huwa kkonferma li Adrian Muscat kien għaddielu l-pjanċi iżda baqa' jinsisti li l-vann mhux tiegħu. Kien innega wkoll li kien saqu hu. Adrian Muscat kien ammetta li qala' l-pjanċi.

25. **Xehed Stephen Cachia, rappreżentant tal-ADT,** li kkonferma li n-numru JOS 220 għandu x'jaqsam ma' Mercedes 220 ta' kulur abjad. Meta kien qed jixhed kienet reġistrata f'isem Lilian Micallef obo of Caro Motors u kienet ilha hekk reġistrata mis-16 ta' Ġunju 2008. In-number plate kien inbidel għal JBL 932.

**Xhieda Difiża.**

**26. Adrian Muscat** xehed li fil-15 ta' Mejju 2008 huwa kein qed jagħmel transfer ta' karozza meta rċieva telefonata li kien hemm ħafna pulizija ħdejn karozza Mercedes M Calss Silver. Wara xi tliet kwarti għadda minn ħdejn id-dar u ra lill-Pulizija. Il-mkarozza ma kenitx tiegħu (fol 43) iżda n-numri li kienu fuqha kienu tiegħu. Huwa qal

lill-Pulizija li kien ser jieħu n-numri għaliex il-jum ta’ qabel kien sab in-numri neqsin. L-imputat iġib karozzi mill-Ingilterra. Ħuh kien qala’ n-numri quddiemhom u ħadhom. Il-karozza imbagħad għosfrot. Xi tliet ġimgħat wara l-vann instab Ħaż-Żebbuġ.

27. Ħuh Alan u hu kienu marru fuq il-post b’karozza waħda. Ħuh kellu l-karozza l-oħra pparkjata wara l-bieb tad-dar t’ommhom. L-imputat qal li ma kienx qed jiċħad li kien qala’ l-pjanċi. Hu kien ta daqqa t’id biex jinqalgħu l-pjanċi. Hu kien telaq bil-Mercedes minn fuq il-post u ħuh kien telaq bil-BMW. Hawnhekk il-Prosekuzzjoni fakkret lill-imputat li ħuh kien qal:

‘Jien tlaqt ma’ ħija bil-karozza tiegħu’ (fol 20)

28. Huwa qal li minn fuq il-psot għad-dar ta’ ommu kien hemm naqra tat-tul. Huwa kien induna bis-serq tal-pjanċi fil-jum ta’ qabel. Wara ġimagħtejn il-vann inqabad b’numri foloz oħra. Huwa qal li tassew fuq il-post kienu qalulu biex iħalli l-karozza fuq il-post. L-imputat baqa’ jinsisti li minn fuq il-post telqu bil-Mercedes tiegħu.

29. **Xehed l-imputat l-ieħor Alan Muscat . (fol 56 et)** Huwa qal li meta u ħuh għaddew f’134 Saint Catherine Street Qormi huma raw il-vann bin-numri tagħhom. Ħuh qallu li dawn kienu n-numri li sabu neqsin il-jum ta’ qabel. L-imputat qal li hu kien qala’ n-numri ta’ wara waddab in-numri fil-bagoll tal-karozza li kellhom. Il-Pulizija kienu qalulu biex iħalliehom. L-ADt kienu tawhom numri ġodda għall-Mercedes. Huwa qal li ma kienx ra min ħadu l-vann. L-imputat baqa’ jinsisti li kien rikeb ma’ ħuh. L-imputat kien mistoqsi wkoll jekk kienx qal lill-PS 1113 biex iġib xi ħaġa mill-vann. L-imputat wieġeb:

‘Lili ma qalli xejn.’

Żied jgħid ukoll li ma kellux x’jieħu mill-vann. (fol 63).

30. **Fl-aħħarnett xehed is-Sur Joseph Scicluna**, rappreżentant tal-ADT li kkonferma li l-imputati kienu kellmuh fuq xi Mercedes. Fuq iżż-ewġ Mercedes, dwar

waħda minnhom ma setax jgħid jekk kenitx tagħhom. Kien mistoqsi mill-avukat jekk kienx irriżultalhom xi ħaġa fuq il-Mercedes li telqet. Ir-risposta kienet 'Le' (ara fol 67).L-aħwa jmorru l-uiffiċju diversi drabi iżda sa fejn jaf hu 'kien riżolt kollox.' Lilu kienu weġġħduh li jikklerjaw. Lanqas biss kien jaf n-numru tal-Mercedes.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

31. Dwar il-qlugħ tal-pjanċi, fl-atti hemm ir-ritratt meħeud u kkonfermat bil-ġurament li juri lill-imputat Alan Muscat jaqla' l-pjanċi. Mill-istqarrija tal-imputat Adrian Muscat jirriżulta li hu wkoll qala' l-pjanċi (ara fol 22 vers 12 tal-istqarrija). Għalhekk hemm provi fil-proċess li juru li ż-żewġ imputati t-tnejn qalgħu l-pjanċi.

32. Skond PS 1113 Emanuel Aquilina, iż-żewġ imputati qalu li l-vann Mercedes kienet tagħhom (ara fol 28).

33. Skond ix-xhieda ta' EO George Schembri Adrian Muscat qallu biex jieħu l-vann fil-garage. (Fol 33).

34. Dan huwa x'qalu l-imputati stess lix-xhieda u ma titqiesx bħala hearsay għax mhix detto del detto.

35. Il-Qorti qed temmen ix-xhieda li taw dawn iż-żewġ xhieda u mhux dik tal-imputati li għamlu ta' bir-ruħhom li l-vann ma kinux jafu biha u la ma kellhomx x'jaqsmu magħha. F'konflitt ta' xhieda, il-Qorti tista' tirrisolvi dan il-konflitt u hekk qed tagħmel din il-Qorti.

35. L-imputat Alan Muscat baqa' jinsisti li hu mar minn fuq il-post ma' ħuh. Kontra din l-asserzjoni hemm id-deskrizzjoni grafika ta' x'għamel dan l-imputat a fol 16, fol 29 (xhieda ta' PS 1113 Emanuel Aquilina) u fol 33 (xhieda ta' EO George Schembri) li t-tnejn raw lil Alan Muscat jidħol fil-Mercedes li żż-ewġ imputati t-tnejn kienu jafu li ser tkun ittowjata. Tant ipprotestaw biex ma tkunx ittowjata li kellha tissejjaħ aktar għajnuna. Il-Qorti ma temminx li l-imputati ma ridux l-ittowjar tal-Mercedes biex jieħdu l-pjanċi allegatament misruqa minn għandhom. Huma kienu jafu li l-Mercedes ma kellhiex liċenzja. Kellha

pjanċi foloz, u mingħajr insurance. PS 1133 Emanuel Aquilina saħansitra kien f'pożizzjoni tajba biex jara lil Alan Muscat isuq il-Mercedes tal-pjanċi foloz. Ix-xhud saħansitra pprova jżomm mal-bieba u l-imputat kien ser itajjru (ara fol 30 –tlitt ivrus mill-aħħar).

36. Isegwi li l-verżjonijiet tal-aħwa kif marru minn fuq il-post huma inattendibbli u li Alan Muscat saq vettura li la kienet liċenzjata u lanqas kienet assigurata.u għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tal-imputazzjoni mmarkata (ċ) u li hi dedotta kontra tiegħu biss.

37. Dwar l-imputazzjoni ta' reċidiva vis a vis l-imputat Alan Muscat, din ma ġietx ippruvata għaliex is-sentenza esibita fil-konfront ta' dan l-imputat (5 ta' Frar 2007 a fol 27) ma fihiex kundanna iżda liberazzjoni b'kundizzjoni. Tali liberazzjoni b'kundizzjoni ma taqax taħt l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 u għalhekk il-Qorti qed tilliberah minn dan l-addebitu li aktar 'il fuq jidher immarkat bħala imputazzjojni (d).

38. L-imputati huma akkużati wkoll li waħħlu sett ta' pjanċi tarr-reġistrazzjoni foloz bin-numru JOS 220 fuq il-vettura tal-għamla Mercedes ML270 u li għamlu falsifikazzjoni jew xjenetement għamlu użu minn xi document ieħor ffalsifikat.

39. Dwar dawn l-ewwel żewġ imputazzjonijiet il-Qorti għandha żewġ konsiderazzjonijiet x'tagħmel. L-ewwel konsiderazzjoni hija jekk saritx il-prova li dawn kienu twaħħlu mill-imputati. L-imputati t-tnejn qalu li l-pjanċi kienu tagħhom u saħansitra qalu li qalgħuhom għax kienu tagħhom. Jeżisti suspett kbir li kienu jew it-tnejn jew wieħed minnhom li waħħal dawn il-pjanċi iżda ma tirriżultax il-prova min kien li waħħal il-pjanċi. Seta' kien wieħed minnhom biss.

40. Oltre dan, iż-żewġ imputazzjonijiet immarkati (a) u (b) għandhom diċitura tal-artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 Dawn l-artikoli jaqgħu taħt is-Sub-Titolu II intitoalt ' Fuq il-Falsifikazzjoni ta' Skritturi oħra Pubbliċi jew Privati'. Il-falsifikazzjoni tikkonsisti jew billi wieħed jipprovdi

dokument (are definizzjoni mogħtija fl-artikolu 189A tal-Kap 9) jew li wieħed jibdel xi ħaġa f'dokument awtentiku.

41. Biex ikun hemm il-falsifikazzjoni jinħtieġ li jkun hemm (a) dokument; (b) li jew ikun hemm 'counterfeiting' (contraffacimento) jew it-tibdil (alterazione) ta' document ġenwin.

42. Minħabba li l-Liġi Maltija ma tagħtix definizzjoni ta' 'Falsifikazzjoni', il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu[1] jikkwota lill-awtur Pessina kif ġej:

'I mezzi onde al vero si puo' sostituire cio' che non e' tale si riducono sempre a due, come il formare ex integro un imitazione o il modificare qualche obbietto, qualche atto, qualche scrittura vera di guisa che per effetto della trasformazione indichi tutt'altro che il vero. Il primo modo piglia nome di contraffacimento dove che l'altro dicesi alterazione.'

43. Għal x'għandu jitqies bħala dokument, il-Qorti tirreferi għal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-każ: ' Il-Pulizija versus Paul Galea' nhar is-17 t'Ottubru, 1997. F'dak il-każ il-Qorti kienet qiset bħala 'dokument' 'kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni espożizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta'. B'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprini ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-ktiba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanjament il-messaġġ.

44. Abbażi ta' din id-dottrina, l-irċevuta fiskali u t-tax invoice jistgħu jitqiesu bħala dokument. (Ara wkoll l-artikolu 189A tal-Kap 9).

---

[1] Prof.Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II paġina 153

45. Fl-istess kaz il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falso ideologico u il-falso materiale abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideoloġiku meta għalkemm id-dokument ikun ġenwin ‘non e’ veridco, perche’ colui che lo ho formqto gli fa dire cose contrarie al vero.’

46. L’Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid:

‘Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto ewsclude la genuinita’ del documento, puo’ presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche’ il documento e’ posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell’alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall’autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui or ora abbiamo parlato.’[2]

47. Il-Professur Mamo jikkwota wkoll b’approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny.

***‘Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.’[3]***

48. L-istess kummentatur jirreferi għad-dottrina Taljan msemmija aktar ‘il fuq fejn jingħad ‘that the forgery must be in the ‘materialita’ della scrittura’, that is, the public or private writing in its external conditions as a document.’ [4]

[2] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606
[3] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161
[4] Professur Mamo Anthony op.cit. pagian 161.

49. Il-punt li jitkellem fuqu Kenny joħroġ minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1997[5] :

***'The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report:***

***'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be what it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it )or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered.***

***In R versus Moore the House of Lords construed the 1981 Act in accordance with the concept of forgery set out in the Law Commission Report.'***

50. Il-Qorti ħasset li kellha tidħol a fondo f'din il-problema minħabba li waqt li l-każistika tal-Qrati tagħna kemm-il

[5] Archbold ed.1997 paġina 1901 22-8

darba daħlet primarjament f' żewġ kwistjonijiet (i) jekk dokument hux pubbliku jew privat ( Ara fost l-oħrajn: ‘ Il-Pulizija versus Carmelo Borg 26 ta’ Jannar 1984 dwar jekk bank draft tas-Central Bank kienx dokument pubbliku jew le, ‘Il-Pulizija versus Paul Bonnici’ tat-30 ta’ Ġunju 1961dwar jekk liċenzja tas-sewqan hix dokument pubbliku jew le u ‘Il-Pulizija versus Patrick Spiteri’ (22 t’Ottubru, 2004 dwar l-elementi ta’ document pubbliku) jew (ii) jekk xi oġġett hux dokument jew le (Ara: Regina versus SQ et 13 ta’ Diċembru, 1954 u Il-Pulizija versus Paul Galea (ritratt ta’ landrover ta’ l-imputat appellant bin-numru K-2128 flok il-veru B-0544).

51. Fil-każ odjern il-Qorti qed tarriviża mhux biss problema dwar in-nuqqas ta’ prova ċara li kienu l-imputati li waħħlu n-number plates fuq il-karozza li ma kenitx liċenzjata iżda wkoll problema legali għaliex li kieku kien hemm il-prova tal-fatti xorta hemm il-problema legali dwar id-diċitura tal-imputazzjonijiet li ngħataw. Il-Qorti lanqas ma qed tqis li r-reat ta’ frodi huwa kompriż u involut fir-reati msemmija fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni.

52. Għalhekk il-Qorti qed tillibera liż-żewġ imputati mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni dedotta kontrihom.

53. Konsegwentement qed tillibera lil Adrian Muscat mill-addebitu tar-reċidiva.

**Konklużjoni**

**54. Il-Qorti wara li rat (a) fil-konfront ta’ Adrian Muscat l-artikoli 188, 189, 49 u 50 tal-Kap 9 qed tilliberah mill-ewwel, mit-tieni imputazzjoni u mir-raba’ imputazzjoni (l-addebitu tar-reċidiva) waqt li qed tiddikjara li mhix qed tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni għaliex din mhix dedotta kontrih.**

**(b) fil-konfront ta’ Alan Muscat l-artikoli 188, 189, 49 u 50 tal-Kap 9, l-artikoli 15(1)(a), 15(2) tal-Kap 65 u 3(1)(2) u 3(2A) tal-Kap 104 issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni (jew dik dedotta kontrih waħdu) u qed tilliberah mill-ewwel,**

**mit-tieni u mir-raba' imputazzjoni (l-addebitu tar-reċidiva) u qed tikkundannah iħallas multa ta' €2574 liema multa tista' titħallas b'rata ta' mitejn Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġuernija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux. Il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat Alan Muscat milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal żmien sena li tibda tgħaddi min-nofs il-lejl ta' llum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------